2025/2395

25.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2395

tal-24 ta' Novembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 [1].

(2) Il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894. Fuq il-bażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu estiżi sat-30 ta' Novembru 2026, b'lista vojta.

(3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, id-data "30 ta' Novembru 2025" tiġi sostitwita bi "30 ta' Novembru 2026";

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LØKKE RASMUSSEN

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1894/oj).

ANNESS

"ANNESS

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 1 U 2".